DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Diċembru 2013

li jemenda l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa I, II u III għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni fl-annimali ovini u kaprini għall-qatla, it-tismin u r-riproduzzjoni stipulati fl-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE

(notifikata bid-dokument C(2013) 9208)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/784/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ fi ħdan il-Komunità tan-nagħaġ u l-mogħoż [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw l-kummerċ tal-annimali ovini u kaprini fi ħdan l-Unjoni. Din tipprovdi, fost l-oħrajn, li waqt it-trasport lejn id-destinazzjoni tagħhom l-annimali ovini u kaprini għandu jkollhom magħhom ċertifikat tas-saħħa li jikkonforma ma' Mudell I, II, jew III kif stabbilit fl-Anness E tagħha.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija spongiformi li tinxtered (EST) f'annimali bovini, ovini, u kaprini. L-Anness VII ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri għall-kontroll u l-qerda tat-TSEs. Barra minn hekk, il-Kapitolu A tal-Anness VIII ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kummerċ fi ħdan l-Unjoni ta' annimali ħajjin, semen u embrijuni. Il-Kapitlu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 ġie emendat dan l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 630/2013 [3].

(3) Sabiex jirrifletti r-rekwiżiti marbuta mal-kummerċ ġewwa l-Unjoni fl-annimali ovini u kaprini għat-tismin u r-riproduzzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 999/2001, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 630/2013, il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa II u III stipulati fl-Anness E tad-Direttiva 91/68/KEE, ġew emendati dan l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/445/UE [4].

(4) Fil-proċess ta' dik l-emenda, il-possibilità li f'ċerti kundizzjonijiet l-annimali ovini u kaprini jiġu mċaqilqa għal skopijiet ta' riproduzzjoni lejn Stati Membri bi programm ta' kontroll approvat għall-iscrapie klassika tħalliet barra bi żball. Għalhekk, il-punt II.9 tal-Parti II tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa III għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni tal-annimali ovini u kaprini għar-riproduzzjoni, stabbilit fl-Anness E tad-Direttiva 91/68/KEE, għandu jiġi emendat.

(5) Barra minn hekk, fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa II għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni tal-annimali ovini u kaprini għat-tismin u fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa III għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni f'annimali ovini u kaprini għar-riproduzzjoni, stabbilit fl-Anness E tad-Direttiva 91/68/KEE, ċerti referenzi għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għandhom jiġu riveduti sabiex titneħħa kwalunkwe ambigwità.

(6) Għaldaqstant, il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa II u III, stabbiliti fl-Anness E tad-Direttiva 91/68/KEE, għandhom ikunu emendati biex jirriflettu korrettament ir-rekwiżiti marbuta mal-kummerċ ġewwal l-Unjoni tal-annimali ovini u kaprini għat-tismin u r-riproduzzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 999/2001, kif emendat permezz tar-Regolament (UE) Nru 630/2013.

(7) Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tat-terminoloġija f'kull mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni fl-annimali ovini u kaprini, kif imniżżel fl-Anness E tad-Direttiva 91/68/KEE, dawn il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jiġu emendati u sostitwiti mill-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa I, II u III kif stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(8) Id-Direttiva 91/68/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

[1] ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatija spongiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 630/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 li jemenda l-Annessi għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 li jistabblixxi r-regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija spongiformi li tinxtered (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 60).

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/445/UE tad-29 ta' Awwissu 2013 li temenda l-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE fir-rigward tal-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ fi ħdan l- Unjoni għall-annimali ovini u kaprini u r-rekwiżiti tas-saħħa li jirrigwardaw il-marda tal-ħakk (scrapie) (ĠU L 233, 31.8.2013, p. 48).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness E tad-Direttiva 91/68/KEE huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS E

MUDELL I

UNJONI EWROPEA **Ċertifikat intrakummerċjali**

Parti I: Dettalji tal-konsenja ppreżentata

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Kodiċi postali		I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a. Nru ta' referenza lokali
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali		I.6. Nru/i ta' ċertifikati oriġinali relatati	Nru/i ta' dokumenti li jakkumpanjawhom
		1.7. Negozjant Isem	Numru tal-Approvazzjoni
I.8. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.9. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi
I.10. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.11. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
I.12. Post tal-oriġini Azjenda ☐ Ċentru tal-assemblaġġ ☐ Uffiċċju tan-negozjant ☐ Isem Numru tal-Approvazzjoni Indirizz Kodiċi postali		I.13. Post tad-destinazzjoni Azjenda ☐ Ċentru tal-assemblaġġ ☐ Uffiċċju tan-negozjant ☐ Isem Numru tal-Approvazzjoni Indirizz Kodiċi postali	
I.14. Post tat-tagħbija Kodiċi postali		I.15. Id-data u l-ħin tat-tluq	
I.16. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Numru/i:		I.17. Trasportatur Isem Numru tal-Approvazzjoni Indirizz Kodiċi postali Stat Membru	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi NM)	
		I.20. Kwantità	
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur		I.24.	
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Qatla ☐			
I.26. Tranżitu minn ġo pajjiż terz ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO Punt tal-ħruġ Kodiċi Punt tad-dħul Nru BIP		I.27. Tranżitu minn ġo Stati Membri ☐ Stat Membru Kodiċi ISO Stat Membru Kodiċi ISO Stat Membru Kodiċi ISO	
I.28. Esportazzjoni ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO Punt tal-ħruġ Kodiċi		I.29. Stima tal-ħin tal-vjaġġ	
I.30. Pjan tar-rotta Iva ☐ Le ☐			
I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċijiet (Isem xjentifiku) Identifikazzjoni individwali uffiċjali Età Sess Razza Kwantità			

UNJONI EWROPEA **91/68 El Ovini/Kaprini għall-qatla**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru tar-referenza lokali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

([1]) *jew* [II.1. L-annimali twieldu u trabbew mit-twelid fit-territorju tal-Unjoni.]

([1]) *jew* [II.1. L-annimali ġew importati minn pajjiż terz skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010, mill-anqas 30 jum qabel it-tagħbija.]

II.2. L-annimali:

II.2.1. ġew spezzjonati llum (fi żmien 24 siegħa qabel it-tagħbija) u ma juru l-ebda sinjal kliniku ta' mard;

II.2.2. mhumiex annimali li għandhom jiġu meqruda taħt skema biex tiġi eradikata marda infettiva jew li tittieħed;

II.2.3. ġejjin minn azjendi agrikoli li kienu ħielsa minn kwalunkwe projbizzjoni uffiċjali għal raġunijiet ta' saħħa, għall-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċelloża, għall-aħħar 30 jum fil-każ tar-rabja u għall-aħħar 15-il jum fil-każ tal-antraċe, u, ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn azjendi agrikoli li ma kinux jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet;

II.2.4. mhumiex ġejjin minn azjenda u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn azjenda f'żona ta' protezzjoni li ġiet stabbilita taħt il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li l-annimali ma jistgħux jitilqu minnha;

II.2.5. mhumiex is-suġġett ta' miżuri dwar is-saħħa tal-annimali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ma kinux imlaqqma kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer.

II.3. Abbażi ta' dikjarazzjoni bil-miktub mid-detentur jew eżami tar-reġistru tal-azjenda u d-dokumenti tal-moviment li jinżammu skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004, b' mod partikolari fis-Sezzjonijiet B u C tal-Anness ta' dak ir-Regolament:

II.3.1. l-annimali baqgħu f'azjenda tal-oriġini waħda għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar 21 jum, jew fl-azjenda tal-oriġini mit-twelid fejn l-annimali għandhom inqas minn 21 ġurnata, u l-ebda bhima tal-ifrat importata minn pajjiż terz ma ddaħħlet fl-azjenda tal-oriġini matul l-aħħar 30 jum, sakemm dawk l-annimali ma jkunux ġew imdaħħla b'konformità mal-Artikolu 4a(2) tad-Direttiva 91/68/KEE, u

([1]) *jew* [baqgħu f'azjenda tal-oriġini waħda li fiha l-ebda annimal tal-ispeċi ovina jew kaprina ma ġie introdott, sakemm dawk l-annimali ma jkunux ġew introdotti skont l-Artikolu 4a(1) tad-Direttiva 91/68/KEE, matul l-aħħar 21 jum.]

([1]) *jew* [għandhom jiġu konsenjati direttament minn azjenda unika għall-biċċerija tad-destinazzjoni.]

II.4.1. L-annimali kienu trasportati bl-użu ta' mezz ta' trasport u f'kontejners li nħaslu u ġew diżinfettati minn qabel bl-użu ta' diżinfettant uffiċjalment approvat, u b'tali mod li tiġi provduta protezzjoni effettiva lill-istat ta' saħħa tal-annimali.

II.4.2. Abbażi tad-dokumentazzjoni uffiċjali li takkumpanja l-annimali, il-konsenja koperta permezz ta' dan iċ-ċertifikat ta' saħħa huwa mistenni li jibda l-vjaġġ fi ..... (*niżżel id-data*) ([2]).

II.4.3. Fil-waqt tal-ispezzjoni l-annimali koperti permezz ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa kienu b'saħħithom biżżejjed biex jinġarru fuq il-vjaġġ intenzjonat, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 ([3])([4]).

II.5. Dan iċ-ċertifikat

([1]) *jew* [huwa validu għal 10 ijiem mid-data tal-ispezzjoni fl-azjenda tal-oriġini, jew fiċ-ċentru tal-assemblaġġ approvat jew il-kwartieri tan-negozjant approvat fl-Istat Membru ta' oriġini;]

([1]) *jew* [jiskadi skont l-Artikolu 9(6) tad-Direttiva 91/68/KEE fi ..... (*niżżel id-data*)] ([5]).

Noti

Parti I:

— Il-kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi xieraq tan-NM taħt l-intestaturi li ġejjin: 01.04.10 jew 01.04.20.

— Il-kaxxa ta' referenza I.23: Fil-każ ta' kontejners jew kaxex, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).

— Il-kaxxa ta' referenza I.31: *Is-sistema ta' identifikazzjoni:* L-annimali għandu jkollhom: Numru individwali li jippermetti li jiġi traċċat il-bini tal-oriġini tagħhom, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004.

Età: (xhur).

Sess: (M = maskil, F = femminili, C = imsewwi).

UNJONI EWROPEA **91/68 EI Ovini/Kaprini għall-qatla**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru tar-referenza lokali

Parti II:

(1) Ħassar fejn mhux applikabbli.

(2) Fil-każ meta konsenja tkun miġbura f'ċentru tal-assemblaġġ u tkun magħmula minn annimali li kienu mgħobbija f'dati differenti, id-data li fiha nbeda l-vjaġġ għall-konsenja kollha hija meqjusa li hi l-aktar data bikrija meta kwalunkwe parti mill-konsenja ħalliet l-azjenda ta' oriġini.

(3) Din id-dikjarazzjoni ma teżentax lit-trasportaturi mill-obbligi tagħhom skont id-disposizzjonijiet tal-Unjoni fis-seħħ b'mod partikolari rigward l-istat tas-saħħa tal-annimali li jkunu se jiġu ttrasportati.

(4) Għandha timtela fil-każ ta' konsenja miġmugħa f'ċentru tal-assemblaġġ approvat jew fil-fond approvat tan-negozjant.

(5) Għandha timtela fil-każ ta' konsenja miġmugħa f'ċentru tal-assemblaġġ approvat li jinsab fl-Istat Membru ta' tranżitu.

— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikunu differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Unità Veterinarja Lokali: Nru tal-LVU:

Data: Firma:

Timbru:

MUDELL II

UNJONI EWROPEA **Ċertifikat intrakummerċjali**

Parti I: Dettalji tal-konsenja ppreżentata

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Kodiċi postali

I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. Nru ta' referenza lokali

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi postali

I.6. Nru/i ta' ċertifikati oriġinali relatati | Nru/i ta' dokumenti li jakkumpanjawhom

1.7. Negozjant
Isem | Numru tal-Approvazzjoni

I.8. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.9. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi

I.10. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.11. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi

I.12. Post tal-oriġini
Azjenda ☐ Ċentru ta' assemblaġġ ☐
Isem | Numru tal-Approvazzjoni/reġistrazzjoni
Indirizz
Kodiċi postali

I.13. Post tad-destinazzjoni
Azjenda ☐ Ċentru tal-assemblaġġ ☐
Uffiċċju tan-negozjant ☐
Isem | Numru tal-Approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi postali

I.14. Post tat-tagħbija
Kodiċi postali

I.15. Id-data u l-ħin tat-tluq

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni:
Numru/i:

I.17. Trasportatur
Isem | Numru tal-Approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi postali | Stat Membru

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi NM)

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati għal:
Tismin ☐

I.26. Tranżitu minn ġo pajjiż terz ☐
Pajjiż terz | Kodiċi ISO
Punt tal-ħruġ | Kodiċi
Punt tad-dħul | Nru BIP

I.27. Tranżitu minn ġo Stati Membri ☐
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż terz | Kodiċi ISO
Punt tal-ħruġ | Kodiċi

I.29. Stima tal-ħin tal-vjaġġ

I.30. Pjan tar-rotta
Iva ☐ Le ☐

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċijiet (Isem xjentifiku)	Identifikazzjoni individwali uffiċjali	Età	Sess	Razza	Kwantità

UNJONI EWROPEA **91/68 EII Ovini/Kaprini għat-tismin**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru tar-referenza lokali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

([1]) *jew* [II.1. L-annimali twieldu u trabbew mit-twelid fit-territorju tal-Unjoni.]

([1]) *jew* [II.1. L-annimali ġew importati minn pajjiż terz skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010, mill-anqas 30 jum qabel it-tagħbija.]

II.2. L-annimali:

II.2.1. ġew spezzjonati llum (fi żmien 24 siegħa qabel it-tagħbija) u ma juru l-ebda sinjal kliniku ta' mard;

II.2.2. mhumiex annimali li għandhom jiġu meqruda taħt skema biex tiġi eradikata marda infettiva jew li tittieħed;

II.2.3. ġejjin minn azjendi agrikoli li kienu ħielsa minn kwalunkwe projbizzjoni uffiċjali għal raġunijiet ta' saħħa, għall-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċelloż, għall-aħħar 30 jum fil-każ tar-rabja u għall-aħħar 15-il jum fil-każ tal-antraċe, u, ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn azjendi agrikoli li ma kinux jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet;

II.2.4. mhumiex ġejjin minn azjenda u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn azjenda f'żona ta' protezzjoni li ġiet stabbilita taħt il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li l-annimali ma jistgħux jitilqu minnha;

II.2.5. mhumiex is-suġġett ta' miżuri dwar is-saħħa tal-annimali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ma kinux imlaqqma kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer.

II.3. Abbażi ta' dikjarazzjoni bil-miktub mid-detentur jew minn eżami tar-reġistru tal-azjenda u d-dokumenti tal-moviment skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004, b'mod partikolari t-Taqsimiet B u C tal-Anness ta' dak ir-Regolament, l-annimali nżammu f'azjenda waħda ta' oriġini għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar 30 jum, jew fl-azjenda tal-oriġini sa mit-twelid tagħhom fejn l-annimali għandhom inqas minn 30 jum, u l-ebda annimal tal-ispeċi ovina jew kaprina ma ġie introdott fl-azjenda tal-oriġini matul l-aħħar 21 jum u l-ebda bhima tal-ifrat ma ġiet introdotta minn pajjiż terz fl-azjenda tal-oriġini matul l-aħħar 30 jum, sakemm dawk l-annimali ma ġewx introdotti skont l-Artikolu 4a(1) tad-Direttiva 91/68/KEE.

([1]) [II.4 L-annimali jikkonformaw mal-garanziji addizzjonali msemmija fl-Artikoli 7 jew 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE u stabbiliti għall-Istat Membru tad-destinazzjoni jew parti mit-territorju tiegħu ..... (*niżżel l-Istat Membru jew parti mit-territorju tiegħu*) fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni .../.../... (*niżżel in-numru*).]

II.5. L-annimali jikkonformaw ma' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin u għaldaqstant jikkwalifikaw għad-dħul f'azjenda tal-ovini jew il-kaprini li hija uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis*):

([1]) *jew* [l-azjenda tal-oriġini tinsab fi Stat Membru jew parti mit-territorju tiegħu ..... (*niżżel l-Istat Membru jew parti mit-territorju tiegħu*) li huwa rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċelloż skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni .../.../... (*niżżel in-numru*).]

([1]) *jew* [ġew minn azjenda uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis*).]

([1]) *jew* [ġew minn azjenda ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis*), u

(i) huma identifikati individwalment,

(ii) qatt ma ġew imlaqqma kontra l-bruċelloż jew ma ġewx imlaqqma kontra l-bruċelloż fl-aħħar sentejn jew l-annimali huma femminili ta' aktar minn sentejn li tlaqqmu kontra l-bruċelloż qabel l-età ta' seba' xhur,

(iii) kienu iżolati taħt superviżjoni uffiċjali fl-azjenda tal-oriġini u, waqt dan l-iżolament, ġew soġġetti, b'riżultati negattivi għal żewġ testijiet għall-bruċelloż skont l-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE, separati b'intervall ta' mill-inqas sitt ġimgħat].

II.6. L-annimali jikkonformaw ma' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin u għaldaqstant jikkwalifikaw għad-dħul f'azjenda tal-ovini jew il-kaprini li hija uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis):*

([1]) *jew* [ġew minn azjenda uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis*).]

([1]) *u/jew* [ġew minn azjenda ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis*).]

([1]) *u/jew* [sad-data ta' kwalifika taħt pjanijiet ta' eradikazzjoni approvati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/242/KEE, ġejjin minn azjenda li mhix uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż jew ħielsa mill-bruċelloż u tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) huma identifikati individwalment,

(ii) joriġinaw minn azjenda li fiha l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxetibbli għall-bruċelloż (*B. melitensis*) kienu ħielsa mis-sintomi kliniċi jew kwalunkwe sintomu ieħor ta' bruċelloż għal mill-anqas l-aħħar 12-il xahar; u

UNJONI EWROPEA **91/68 EII Ovini/Kaprini għat-tismin**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru tar-referenza lokali

([1]) *jew* [ġew imlaqqma kontra l-bruċelloża (*B. melitensis*) fl-aħħar sentejn, u kienu iżolati taħt superviżjoni veterinarja fl-azjenda tal-oriġini u, waqt dan l-iżolament, ġew soġġetti, b'riżultati negattivi għal żewġ testijiet għall-bruċellożi skont l-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE, separati minn intervall ta' mill-inqas sitt ġimgħat.]]

([1]) *ojewr* [kienu mlaqqma bit-tilqima Rev. 1 qabel għalqu seba' xhur, iżda mhux aktar tard minn 15-il jum qabel l-introduzzjoni tagħhom fl-azjenda ta' destinazzjoni.]]

([1]) [II.7. L-annimali huma maħsuba għal Stat Membru bi status ta' riskju negliġibbli għall-marda tal-iscrapie klassika approvat skont l-ewwel subparagrafu tal-punt 2.2. tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew Stat Membru li huwa elenkat fil-punt 3.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala li għandu programm nazzjonali ta' kontroll tal-marda tal-iscrapie, u ġejjin minn azjenda jew azjendi

([1]) *jew* [li jinsabu fi Stat Membru jew żona ta' Stat Membru bi status ta' riskju negliġibbli tal-marda tal-iscrapie klassika approvat skont l-ewwel subparagrafu tal-punt 2.2. tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]]

([1]) *u/jew* [rikonoxxuti li għandom riskju negliġibbli tal-marda tal-iscrapie klassika skont il-punt 1.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]]

([1]) *u/jew* [mhumiex soġġetti għall-miżuri stipulati fil-punti 3 u 4 tal-Kapitlu B tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u l-annimali huma tal-ispeċi ovina tal-ġenotip tal-proteina prino ARR/ARR.]]

([1]) *u/jew* [li jkunu kkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (i) tat-tieni subparagrafu tal-punt 1.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar seba' snin u l-annimali jaslu fl-azjenda tad-destinazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 2015.]]

II.8.1. L-annimali kienu trasportati bl-użu ta' mezz ta' trasport u f'kontejners li nħaslu u ġew diżinfettati minn qabel bl-użu ta' diżinfettant uffiċjalment approvat, u b'tali mod li tiġi provduta protezzjoni effettiva lill-istat ta' saħħa tal-annimali.

II.8.2. Abbażi tad-dokumentazzjoni uffiċjali li takkumpanja l-annimali, il-konsenja koperta b'dan iċ-ċertifikat ta' saħħa se tibda l-vjaġġ fi ..... (*niżżel id-data*) ([2]).

II.8.3. Fil-ħin tal-ispezzjoni l-annimali koperti b'dan iċ-ċertifikat kienu b'saħħithom biżżejjed biex jinġarru fuq il-vjaġġ intenzjonat, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 ([3]).

Noti

Parti I:

— Il-kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi xieraq tan-NM taħt l-intestaturi li ġejjin: 01.04.10 jew 01.04.20.

— Il-kaxxa ta' referenza I.23: Fil-każ ta' kontejners jew kaxex, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).

— Il-kaxxa ta' referenza I.31: *Is-sistema ta' identifikazzjoni:* L-annimali għandu jkollhom: Numru individwali li jippermetti li jiġi traċċat il-bini tal-oriġini tagħhom, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004.

Età: (xhur).

Sess: (M = maskil, F = femminili, C = imsewwi).

Parti II:

([1]) Ħassar fejn mhux applikabbli.

([2]) Fil-każ meta konsenja tkun miġbura f'ċentru tal-assemblaġġ u tkun magħmula minn annimali li kienu mgħobbija f'dati differenti, id-data li fiha nbeda l-vjaġġ għall-konsenja kollha hija meqjusa li hi l-aktar data bikrija meta kwalunkwe parti mill-konsenja ħalliet l-azjenda ta' oriġini.

([3]) Din id-dikjarazzjoni ma teżentax lit-trasportaturi mill-obbligi tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fis-seħħ b'mod partikolari rigward l-istat tas-saħħa tal-annimali li jkunu se jiġu ttrasportati.

— Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikunu differenti minn dak tad-dettalji l-oħra f'dan iċ-ċertifikat.

UNJONI EWROPEA **91/68 EII Ovini/Kaprini għat-tismin**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru tar-referenza lokali
Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali Isem (b'ittri kbar): Unità Veterinarja Lokali: Data: Timbru:		Kwalifika u titolu: Nru tal-LVU: Firma:

MUDELL III

UNJONI EWROPEA **Ċertifikat intrakummerċjali**

Parti I: Dettalji tal-konsenja ppreżentata

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Kodiċi postali	I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a. Nru ta' referenza lokali
	I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
	I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali	I.6. Nru/i ta' ċertifikati oriġinali relatati	Nru/i ta' dokumenti li jakkumpanjawhom
	I.7. Negozjant Isem	Numru tal-Approvazzjoni
I.8. Pajjiż tal-oriġini / Kodiċi ISO / I.9. Reġjun tal-oriġini / Kodiċi	I.10. Pajjiż tad-destinazzjoni / Kodiċi ISO / I.11. Reġjun tad-destinazzjoni / Kodiċi	
I.12. Post tal-oriġini Azjenda ☐ Ċentru ta' assemblaġġ ☐ Isem Numru tal-Approvazzjoni/reġistrazzjoni Indirizz Kodiċi postali	I.13. Post tad-destinazzjoni Azjenda ☐ Ċentru tal-assemblaġġ ☐ Uffiċċju tan-negozjant ☐ Isem Numru tal-Approvazzjoni Indirizz Kodiċi postali	
I.14. Post tat-tagħbija Kodiċi postali	I.15. Id-data u l-ħin tat-tluq	
I.16. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Numru/i:	I.17. Trasportatur Isem Numru tal-Approvazzjoni Indirizz Kodiċi postali Stat Membru	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott	I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi NM)	
	I.20. Kwantità	
I.21. ☐	I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur	I.24.	
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Riproduzzjoni ☐		
I.26. Tranżitu minn ġo pajjiż terz ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO Punt tal-ħruġ Kodiċi Punt tad-dħul Nru BIP	I.27. Tranżitu minn ġo Stati Membri ☐ Stat Membru Kodiċi ISO Stat Membru Kodiċi ISO Stat Membru Kodiċi ISO	
I.28. Esportazzjoni ☐ Pajjiż terz Kodiċi ISO Punt tal-ħruġ Kodiċi	I.29. Stima tal-ħin tal-vjaġġ	
I.30. Pjan tar-rotta Iva ☐ Le ☐		

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċijiet (Isem xjentifiku)	Identifikazzjoni individwali uffiċjali	Età	Sess	Razza	Kwantità

UNJONI EWROPEA **91/68 EIII Ovini/Kaprini għar-riproduzzjoni**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru tar-referenza lokali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti hawn fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

([1]) *jew* [II.1. L-annimali twieldu u trabbew mit-twelid fit-territorju tal-Unjoni.]

([1]) *jew* [II.1. L-annimali ġew importati minn pajjiż terz skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010, mill-anqas 30 jum qabel it-tagħbija.]

II.2. L-annimali:

II.2.1. ġew spezzjonati llum (fi żmien 24 siegħa qabel it-tagħbija) u ma juru l-ebda sinjal kliniku ta' mard;

II.2.2. mhumiex annimali li għandhom jiġu meqruda taħt skema biex tiġi eradikata marda infettiva jew li tittieħed;

II.2.3. ġejjin minn azjendi agrikoli li kienu ħielsa minn kwalunkwe projbizzjoni uffiċjali għal raġunijiet ta' saħħa, għall-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċelloż, għall-aħħar 30 jum fil-każ tar-rabja u għall-aħħar 15-il jum fil-każ tal-antraċe, u, ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn azjendi agrikoli li ma kinux jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet;

II.2.4. mhumiex ġejjin minn azjenda u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn azjenda f'żona ta' protezzjoni li ġiet stabbilita taħt il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li l-annimali ma jistgħux jitilqu minnha;

II.2.5. mhumiex is-suġġett ta' miżuri dwar is-saħħa tal-annimali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ma kinux imlaqqma kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer.

II.3. Abbażi ta' dikjarazzjoni bil-miktub mid-detentur jew minn eżami tar-reġistru tal-azjenda u d-dokumenti tal-moviment skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004, b'mod partikolari t-Taqsimiet B u C tal-Anness ta' dak ir-Regolament, l-annimali nżammu f'azjenda waħda ta' oriġini għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar 30 jum, jew fl-azjenda tal-oriġini sa mit-twelid tagħhom fejn l-annimali għandhom inqas minn 30 jum, u l-ebda annimal tal-ispeċi ovina jew kaprina ma ġie introdott fl-azjenda tal-oriġini matul l-aħħar 21 jum u l-ebda bhima tal-ifrat ma ġiet introdotta minn pajjiż terz fl-azjenda tal-oriġini matul l-aħħar 30 jum, sakemm dawk l-annimali ma ġewx introdotti skont l-Artikolu 4a(1) tad-Direttiva 91/68/KEE.

([1]) [II.4. L-annimali jikkonformaw mal-garanziji addizzjonali msemmija fl-Artikoli 7 jew 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE u stabbiliti għall-Istat Membru tad-destinazzjoni jew parti mit-territorju tiegħu ..... (*niżżel l-Istat Membru jew parti mit-territorju tiegħu*) fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni … / … / … (*niżżel in-numru*).]

II.5. L-annimali jikkonformaw ma' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin u għaldaqstant jikkwalifikaw għad-dħul f'azjenda tal-ovini jew il-kaprini li hija uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis*):

([1]) *jew* [l-azjenda tal-oriġini tinsab fi Stat Membru jew parti mit-territorju tiegħu ..... (*niżżel l-Istat Membru jew parti mit-territorju tiegħu*) li huwa rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċelloż skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni … / … / … (*niżżel in-numru*).]

([1]) *jew* [ġew minn azjenda uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis*).]

([1]) *jew* [ġew minn azjenda ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis*), u

(i) huma identifikati individwalment,

(ii) qatt ma ġew imlaqqma kontra l-bruċelloż jew ma ġewx imlaqqma kontra l-bruċelloż fl-aħħar sentejn jew l-annimali huma femminili ta' aktar minn sentejn li tlaqqmu kontra l-bruċelloż qabel l-età ta' seba' xhur,

(iii) kienu iżolati taħt superviżjoni uffiċjali fl-azjenda tal-oriġini u, waqt dan l-iżolament, ġew soġġetti, b'riżultati negattivi għal żewġ testijiet għall-bruċelloż skont l-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE, separati minn intervall ta' mill-inqas sitt ġimgħat].

II.6. L-annimali jikkonformaw ma' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin u għaldaqstant jikkwalifikaw għad-dħul f'azjenda tal-ovini jew il-kaprini li hija uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis*):

([1]) *jew* [ġew minn azjenda uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis*).]

([1]) *jew* [ġew minn azjenda ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis*).]

([1]) *jew* [sad-data ta' kwalifika taħt pjanijiet ta' eradikazzjoni approvati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/242/KEE, l-annimali jkunu ġejjin minn azjenda li mhix uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż jew ħielsa mill-bruċelloż u jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) huma identifikati individwalment,

UNJONI EWROPEA **91/68 EIII Ovini/Kaprini għar-riproduzzjoni**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru tar-referenza lokali

(ii) joriġinaw minn azjenda li fiha l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxetibbli għall-bruċelloża (*B. melitensis*) kienu ħielsa mis-sintomi kliniċi jew kwalunkwe sintomu ieħor ta' bruċelloża għal mill-anqas l-aħħar 12-il xahar; u

([1]) *jew* [ġew imlaqqma kontra l-bruċelloża (*B. melitensis*) fl-aħħar sentejn, u kienu iżolati taħt superviżjoni veterinarja fl-azjenda tal-oriġini u, waqt dan l-iżolament, ġew soġġetti, b'riżultati negattivi għal żewġ testijiet għall-bruċelloża skont l-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE, separati minn intervall ta' mill-inqas sitt ġimgħat.]]

([1]) *jew* [ġew imlaqqma bit-tilqima Rev. 1 qabel l-età ta' seba' xhur, u ma kinux imlaqqma fil-15-il jum qabel id-data ta' ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa.]]

([1]) [II.7. Huma muntuni tat-tgħammir mhux imsewwija u:

(i) jiġu minn azjenda li fiha ma kien reġistrat l-ebda każ ta' epididimite li tittieħed (B. ovis) fl-aħħar 12-il xahar,

(ii) ikunu nżammu b'mod permanenti f'dik l-azjenda għall-aħħar 60 jum,

(iii) ikunu ġew soġġetti, fl-aħħar 30 jum, b'riżultat negattiv, għal test għas-sejba tal-epididimite tal-muntuni li tittieħed (*B. ovis*), b'konformità mal-Anness D tad-Direttiva 91/68/KEE.]

II.8. Sa fejn taf il-persuna hawn taħt iffirmata u skont id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mis-sid, l-annimali ma nkisbux minn azjenda u ma kinux f'kuntatt ma' annimali minn azjenda li fiha nstabu b'mod kliniku l-mardiet li ġejjin:

(i) fis-sitt xhur preċedenti, l-agalassja tan-nagħaġ li tittieħed (*Mycoplasma agalactiae*) jew l-agalassja tal-mogħoż li tittieħed (*Mycoplasma agalactiae, M. capricolum, M. mycoides subsp. mycoides large colony*),

(ii) paratuberkuloż jew limfadenite ġobnija, fl-aħħar 12-il xahar,

(iii) f'dawn l-aħħar tliet snin, l-adenomatoż pulmonarja, il-maedi/visna jew l-artrite virali kaprina/enċefalite, f'dawn l-aħħar tliet snin. Madankollu, dan il-limitu ta' żmien jitnaqqas għal 12-il xahar jekk l-annimali affettwati mill-maedi/visna jew l-artrite virali kaprina/enċefalite ġew maqtula u l-bqija tal-annimali irreaġixxew negattivament għal żewġ testijiet.

([1]) *jew* [II.9. L-annimali ġejjin minn azjenda jew azjendi

([1]) *jew* [fi Stat Membru jew żona ta' Stat Membru bi status ta' riskju negliġibbli għall-marda tal-iscrapie klassika approvat skont l-ewwel subparagrafu tal-punt 2.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.]]

([1]) *u/jew* [rikonoxxuti li għandom riskju negliġibbli tal-marda tal-iscrapie klassika skont il-punt 1.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]]

([1]) *u/jew* [mhumiex soġġetti għall-miżuri stipulati fil-punti 3 u 4 tal-Kapitlu B tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u l-annimali huma tal-ispeċi ovina tal-ġenotip tal-proteina prino ARR/ARR.]]

([1]) *jew* [II.9. L-annimali huma maħsuba għal Stat Membru bi status ta' riskju negliġibbli tal-marda tal-iscrapie klassika approvat skont l-ewwel siubparagrafu tal-punt 2.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew Stat Membru li huwa elenkat fil-punt 3.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala li għandu programm nazzjonali ta' kontroll approvat għall-marda tal-iscrapie, u ġejjin minn azjenda jew azjendi

([1]) *jew* [jiġu minn Stat Membru jew żona ta' Stat Membru bi status ta' riskju negliġibbli tal-marda tal-iscrapie klassika approvat skont l-ewwel subparagrafu tal-punt 2.2. tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]]

([1]) *u/jew* [rikonoxxuti li għandom riskju negliġibbli tal-marda tal-iscrapie klassika skont il-punt 1.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]]

([1]) *u/jew* [mhumiex soġġetti għall-miżuri stipulati fil-punti 3 u 4 tal-Kapitlu B tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u l-annimali huma tal-ispeċi ovina tal-ġenotip tal-proteina prino ARR/ARR.]]

([1]) *u/jew* [ġejjin minn azjenda jew azjendi li jkunu kkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (i) tat-tieni subparagrafu tal-punt 1.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar seba' snin u l-annimali jaslu fl-azjenda tad-destinazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 2015.]]

UNJONI EWROPEA **91/68 EIII Ovini/Kaprini għar-riproduzzjoni**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru tar-referenza lokali

(1) *jew* [II.9. L-annimali huma maħsuba għal Stat Membru minbarra dawk bi status ta' riskju negliġibbli tal-marda tal-iscrapie klassika approvat skont il-punt 2.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew minbarra dawk li huma elenkati fil-punt 3.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala li għandhom programm nazzjonali ta' kontroll approvat għall-marda tal-iscrapie, u ġejjin minn azjenda jew azjendi

(1) *jew* [li jinsabu fi Stat Membru jew żona ta' Stat Membru bi status ta' riskju negliġibbli tal-marda tal-iscrapie klassika approvat skont l-ewwel subparagrafu tal-punt 2.2. tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]]

(1) *u/jew* [rikonoxxuti li għandom riskju negliġibbli tal-marda tal-iscrapie klassika skont il-punt 1.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]]

(1) *u/jew* [mhumiex soġġetti għall-miżuri stipulati fil-punti 3 u 4 tal-Kapitlu B tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u l-annimali huma tal-ispeċi ovina tal-ġenotip tal-proteina prino ARR/ARR.]]

(1) *u/jew* [li jkunu kkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (f) tat-tieni subparagrafu tal-punt 1.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar seba' snin u l-annimali jaslu fl-azjenda tad-destinazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 2015.]]

(1) *u/jew* [rikonoxxuti li għandom riskju kkontrollat tal-marda tal-iscrapie klassika skont il-punt 1.3 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]

(1) *u/jew* [li jkunu kkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (f) tal-punt 1.3 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar tliet snin u l-annimali jaslu fl-azjenda tad-destinazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 2015.]]

II.10.1. L-annimali kienu trasportati bl-użu ta' mezz ta' trasport u f'kontejners li nħaslu u ġew diżinfettati minn qabel bl-użu ta' diżinfettant uffiċjalment approvat, u b'tali mod li tiġi provduta protezzjoni effettiva lill-istat ta' saħħa tal-annimali.

II.10.2. Abbażi tad-dokumentazzjoni uffiċjali li takkumpanja l-annimali, il-konsenja koperta b'dan iċ-ċertifikat ta' saħħa se tibda l-vjaġġ fi ..... (*niżżel id-data*) (2).

II.10.3. Fil-ħin tal-ispezzjoni l-annimali koperti b'dan iċ-ċertifikat kienu b'saħħithom biżżejjed biex jinġarru fuq il-vjaġġ intenzjonat, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 (3).

Noti

Parti I:

— Il-kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċi xieraq tan-NM taħt l-intestaturi li ġejjin: 01.04.10 jew 01.04.20.

— Il-kaxxa ta' referenza I.23: Fil-każ ta' kontejners jew kaxex, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).

— Il-kaxxa ta' referenza I.31: *Is-sistema ta' identifikazzjoni:* L-annimali għandu jkollhom numru individwali li jippermetti li jiġi traċċat il-fond tal-oriġini tagħhom, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004.

Età (xhur).

Sess: (M = maskil, F = femminili, C = imsewwi).

Parti II:

(1) Ħassar fejn mhux applikabbli.

(2) Fil-każ meta konsenja tkun miġbura f'ċentru tal-assemblaġġ u tkun magħmula minn annimali li kienu mgħobbija f'dati differenti, id-data li fiha nbeda l-vjaġġ għall-konsenja kollha hija meqjusa li hi l-aktar data bikrija meta kwalunkwe parti mill-konsenja ħalliet l-azjenda ta' oriġini.

(3) Din id-dikjarazzjoni ma teżentax lit-trasportaturi mill-obbligi tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fis-seħħ b'mod partikolari rigward l-istat tas-saħħa tal-annimali li jkunu se jiġu ttrasportati.

— Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikunu differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

UNJONI EWROPEA **91/68 EIII Ovini/Kaprini għar-riproduzzjoni**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru tar-referenza lokali
Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu: Unità Veterinarja Lokali: Nru tal-LVU: Data: Firma: Timbru:"		